FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Awwissu 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sitta u Erbghin (46) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-sitta u erbghin (46) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar l-Erbgha 4 ta' Awwissu 2010 fis-2.00pm.**

Is-sitta u erbghin (46) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Marzu 2010
6. Attivitajiet tal-massa fuq il-Fosos
7. FlorianaFest 2010
8. Għeluq ta' Ġnien il-Mall
9. Għażla tal-Offerti :
   - 9.1 Servizz ta' Organizzatur tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2011
   - 9.2 Xoghol ta' Resurfacing u Patching
   - 9.3 Provvista ta' tabelli u information panels ghal Floriana Heritage Trail
   - 9.4 Manutenzjoni tal-Gazebos tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
10. Latrini Pubblici fil-lokalita'
11. Ġenna ta' Ġonna … u ħafna aktar !
12. Proposta ta' Yacht Marina f'Sa Maison u Zvilupp ghal Cruiseliners f'Barriera Wharf
13. Inawgurazzjoni u Użu tal-Piċċ tal-futbol taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V
14. Kunċert mill-Għaqda Mużikali San Girgor, Kerċem
15. Ħwejjeg Oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Ghas-sitta u erbghin (46) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**

**Is-Sindku Nigel Holland attenda wara materja nru. 1.4**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici-Sindku Franco Davies.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hamsa u erbghin (45) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru. 14.12 fejn il-kelma "impjegat" trid tinqara "resident".

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru. 8.1 li trid tinqara "*Is-Sindku Nigel Holland ghamel referenza ghall-proposta mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg li ssir laqgha pubblika dwar l-gheluq ta' Gnien il-Mall.*"

1.4 Il-Kunsill approva wkoll korrezzjoni f'pagna nru. 1 fejn minflok "is-sebgha u tletin laqgha" trid tinqara "il-hamsa u erbghin laqgha".

**Nota: 14:10 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

1.5 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li xi jiem qabel kien attenda ghall-ewwel laqgha tar-Regjun tax-Xlokk fejn saret l-hatra tas-segretarju ezekuttiv tal-kumitat tar-regjun. Is-Sindku informa wkoll li dawn il-laqghat huma laqghat pubblici miftuha ghall-kunsilliera u ghas-sindki.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Justin Haber li nforma lill-Kunsill b'akkademja li kien fi hsiebu johloq u talab il-kontribuzzjoni tal-Kunsill Lokali biex jaghmel manutenzjoni tal-picc tal-futbol tal-Floriana FC. Il-Kunsill qabel li ladarba t-talba ghandha issir minn Floriana F.C. li ghandhom titlu legali tal-picc. Is-Sindku Nigel Holland fakkar li fl-emendi tal-ligi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill jista' jikkontribwixxi fi progetti ta' facilitaijiet sportivi inkluzi dawk li jaqghu taht titolu legali ta' ghaqdiet sportivi.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Ajax A.F.C. li offrew lill-Kunsill biex jorganizzaw l-attivita' bit-titlu Presentation Night konguntament maghhom ghas-somma ta' €800. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-iskema dwar inizjattivi t'attivitajiet fejn il-Kunsill huwa mheggeg japplika ghal attivitajiet li organizzati minnu fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema biz-zewg attivitajiet principali li huma, il-Festival tal-loghob tan-nar tal-art mekkanizzat fejn ghas-sena 2011 ghandu jizdied Seminar fuq il-loghob tan-Nar f'Malta, u l-attivita' ta' Lejliet l-ewwel tas-sena fi Triq Sant'Anna.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li minhabba n-numru t'attivitajiet pubblici li qeghdin jittellghu fil-Floriana, il-Kunsill ghandu johloq kariga ohra bl-isem ta' Attivitajiet pubblici. Huwa saqsa jekk kienx hemm xi Kunsillier li xtaq jiehu din il-kariga d'idejh. Il-Kunsillier Edward Torpiano offra li jkun hu responsabbli minn din il-kariga.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew kien hemm sid ta' gabbana li kien ghamel theddid kemm lejh kif ukoll lejn il-Kunsilliera ghaliex ippretenda li l-Kunsill jorhoglu permess fl-attivitajiet li saru fi Pjazza San Publju. Il-Kunsill ma qabilx li fil-prezent ghandha tittiehed azzjoni legali kontra dan l-individwu ghalkemm jekk din il-persuna tuza xi kliem ta' theddid, il-Kunsill ghandu jiehu passi legali mmedjatament.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-ETC fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw attivita' fil-car park ta' hdejn il-Fosos. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-ftehim mal-Greenpak kien wasal fit-tmiem u kien hemm bzonn li jerga' jigi approvat. Il-Kunsill approva t-tigdid ta' dan il-kuntratt ghall-perjodu ta' sitt xhur u qabel li ghandu jinsisti li jigu pprovduti l-boroz tar-riciklagg fi zmien gimghatejn biex ir-residenti jkunu jistghu jibdew jaghmlu uzu minnhom mill-aktar fis.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm bzonn li jigi ffissat zmien stipulat ghall-applikazzjonijiet ghall-armar kummercjali ta' posti. Il-Kunsill qabel li z-zmien stipulat ghandu jkun dak ta' jumejn, skond il-ligi u li ghandha tinhareg cirkolari biex tinforma lill-hwienet bil-procedura gdida kif ukoll li kull permess mahrug mill-Kunsill huwa dejjem suggett ghall-interpretazzjoni tal-Pulizija.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq suggeriment minn resident li talab li jsiru "shades" ma' zewg fanali minhabba li dawn qeghdin jarmu hafna dawl fid-djar tar-residenti tal-vicinanzi ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill ma qabilx li hemm lok ghal din it-talba minhabba li residenti ta' l-istess triq kienu ilmentaw li diga m'hemmx bizzejjed dawl u li jekk din it-talba tigi milqugha, kienet ser tohloq nuqqas ta' sigurta' ghal dawn l-istess residenti.

<u>**Nota: 15:00 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**</u>

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-hinijiet il-godda tal-ftuh tal-ufficcju tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva b'mod unanimu il-hinijiet il-godda bejn l-1 ta' Settembru u 30 ta'Gunju (8.00-13.00, 14.00-16.00) filwaqt li dawk tas-Sajf ghandhom jibqghu l-istess.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn informaw lill-Kunsill li t-terminu tal-Kumitat ghar-Rijabilitazzjoni tal-Valletta u Floriana kien sa l-1 t'Awwissu 2010 u talbu lill-Kunsill jinnomina persuna biex tirrapprezentah fuq dan il-Kumitat. Il-Kunsillier Vincent Borg wera' l-interess li jigi nnominat ghal dan il-kumitat izda ladarba l-Kunsillier Edward Torpiano xtaq ikompli jaghmel parti minn dak il-kumitat, il-Kunsillier Vincent Borg ceda x-xewqa tieghu ghal din in-nominazzjoni. Ghaldaqstant, il-Kunsillier Edward Torpiano ser jibqa' r-rapprezentant tal-Kunsill Lokali Floriana fil-Kumitat ghar-Riabilitazzjoni tal-Belt Valletta u l-Floriana.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand KV Services ghal tibdil ta' pompi tal-funtani, total ta' €95. Il-Kunsill approva.

<u>**Nota: 15:05 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**</u>
<u>**15:05 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**</u>

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-Floriana FC li offrew lill-Kunsill biex l-attivita' ta' Greens Night tigi organizzata konguntament. Il-Kunsill accetta li din l-attivita' tigi mtella' konguntament mal-Kunsill Lokali Floriana u li l-allokazzjoni finanzjarja ghal din l-attivita' m'ghandhiex taqbez l-€1400.

<u>**Nota: 15:10 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**</u>

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni r-rifond tad-depozitu tal-organizzaturi tal-Isle of MTV. Il-Kunsill qabel li ghandu jirrifondilhom id-depozitu izda ghandu jinformahom li l-Kunsill kien jaf li matul l-armar tal-palk kienet inkisret wahda mill-kundizzjonijiet tal-Kunsill minhabba li kienet telghet vettura tal-Pulizija fuq il-Fosos.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-Kunsill kien ircieva ritratt anonimu ta’ vettura ohra fuq il-Fosos waqt l-armar ghall-attivita’ tal-kuncert ta’ Joseph Calleja. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat dan ir-ritratt lill-istess organizzaturi u jitlobhom spjegazzjoni.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Kunsill ta’ Macerata kienu saqsew lill-Kunsill jekk iridx jissieheb fi progett bejn bliet gemellati fejn kull belt torganizza xi haga. Il-Kunsill qabel li ghandu jissieheb f’dan il-progett u qabel li ghandu jiehu sehem fl-isport tal-football kif ukoll tal-bocci anke minhabba li din tal-ahhar hija loghba tradizzjonali Maltija. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ahjar zmien ghal dan il-progett ikun ix-xahar ta’ Novembru 2011.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. fejn offrew lill-Kunsill biex il-Kunsill jippubblika l-Evergreen bhalma ghamel f’dawn l-ahhar snin. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet lis-Sindku.

**Nota: 15:25 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **41-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8800 sa 8822.

**Nota: 15:30 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill pagamenti li mhumiex fl-iskeda u li waslu qabel il-laqgha, dawk ta’ Leli & Son ta’ €330 (installazzjoni ta’ bins taz-zwiemel), €247.38 (manutenzjoni taht il-Forka) u €94.80 (hasil bil-bowser u servizz ta’ trasport).

4.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet indikati bhala cekk nru 8740 sa 8822, kif ukoll dawk imsemmija f’4.3, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, FD, VB, ET, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju mill-1 ta’ Jannar sat-30 ta’ Marzu 2010

5.1 F’dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsill irrisolva ruhu f’Kumitat tal-Finanzi fejn gie diskuss ir-rapport finanzjarju ghal perjodu ta’ tliet xhur li jaghlaq fit-31 ta’ Marzu 2010.

5.2 Wara evalwazzjoni u diskussjoni dwar ir-rapport finanzjarju, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni li giet issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament ittiehed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, FD, ET, VB, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 6.0 Attivitajiet tal-massa fuq il-Fosos

6.1 Il-Kunsillier Vincent Borg sostna li wahda mill-problemi tal-massa li jkollu l-Kunsill hija l-attivita' tal-Isle of MTV li tikkawza l-ikbar problema mill-kuncerti kollha organizzati fil-Floriana dan minhabba diversi ragunijiet fosthom li din l-attivita' tattira hafna aktar nies minhabba li hija bla hlas u anke minhabba l-fatt li l-maggoranza tan-nies li tattira jkunu dawk ta' generazzjoni zaghzugha li jixorbu aktar alkohol.

6.2 Il-Kunsillier Vincent Borg kompla jghid li huwa mhux kontra li din l-attivita' tittella' fil-Floriana jekk jittiehdu l-passi necessarji u jkun hemm garanziji biex l-inkonvenjenti li jinholqu sena wara l-ohra ma jergghux jirrepetu ruhhom.

6.3 Fost l-affarijiet li ssuggerixxa l-Kunsillier Borg huwa semma li l-Kunsill ghandu jinsisti li jkun hemm iktar Pulizija minflok gwardjani lokali minhabba li dawn tal-ahhar m'ghandhomx poter jiehdu azzjoni legali u jarrestaw lil min jabbuza u jikser il-ligi.

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li filwaqt li l-Kunsill Lokali jkollu awtorita' shiha fil-kontroll ta' fejn ikunu l-gwardjani lokali waqt din l-attivita', il-Kunsill m'ghandu l-ebda awtorita' fuq il-Pulizija u li f'kaz li jinqala' xi haga, il-Pulizija huma fid-dmir li jitilqu minn fuq il post biex jattendu ghall-materji iktar urgenti .

6.5 Il-Kunsillier Vincent Borg zied isemmi wkoll in-nuqqas ta' mobile toilets li gew provduti dakinhar tal-attivita'. Huwa nsista wkoll li dawn xejn ma kienu mqassmin sew anke minhabba l-fatt li dawn jitqeghdu f'postijiet mudlama fejn bilkemm jidhru u jkun ghalhekk li hafna ma jaghmlux uzu minnhom.

6.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ziedet tghid li ghalkemm fil-Floriana jittellghu hafna attivitajiet pubblici, l-iktar li jilmentaw ir-residenti jkun wara l-Isle of MTV partikolarment minhabba li din hija l-ikbar attivita' ta' massa li tittella' f'Malta.

6.7 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk saqsa lill-Kunsilliera jekk hemmx xi hadd li hu kontra li jerga' jinhareg il-permess ghal din l-attivita' f'kaz li l-Isle of MTV terga' ssir, u ghall-attivitajiet ohrajn tal-massa. Hadd mill-kunsilliera ma oggezzjona li ssir din l-attivita'.

6.8 Il-Kunsillier Vincent Borg insista ghal darb'ohra li hu mhux kontra l-hrug ta' permessi ladarba jkun hemm il-garanziji necessarji biex jigi protett ir-resident mill-inkonvenjenzi li jinqalghu sena wara l-ohra.

6.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li jigi rregistrat fil-minuti li jekk ikun hemm bzonn u f'kaz li jkun hemm talba generali mir-residenti, hi m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jsir referendum biex tittiehed decizjoni finali dwar jekk il-Kunsill ghandux johrog l-permess ghall-attivita' tal-Isle of MTV.

## 7.0 FlorianaFest 2010

7.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsillier Edward Torpiano li huwa l-koordinatur ta' din l-attivita' biex iressaq il-programm tal-FlorianaFest 2010.

7.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li kien gabar sponsorship ta' €250 minghand MCP u li kien diga ghaddihom lill-Kunsill.

7.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex dakinhar tal-attivita', il-Kunsill jonora lil Rebecca D'Agostino b'Gieh il-Floriana. Rebecca D'Agostino hija l-captain tat-tim nazzjonali tal-futbol tan-nisa. Il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, ET, SSH, VB)
Kontra: 0

7.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsilliera li l-programm ghadu mhux iffinalizzat li izda l-ispiza mhux ser taqbez l-ispiza tas-sena precedenti.

## 8.0 Għeluq ta' Ġnien il-Mall

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fil-laqgha pubblika li saret fi Gnien il-Mall bhala konsultazzjoni pubblika, fejn is-Sindku semma li ghalkemm kien hemm maggoranza ta' opinjonijiet kontra li jinghalaq il-Gnien, huwa jaf li kien hemm persuni ohrajan li jaqblu li jinghalaq li izda qaghdu lura minhabba li bezghu.

8.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies issuggerixxa li meta tkun ser issir konsultazzjoni pubblika, jigu ccirkolati formoli waqt l-istess laqghat pubblici fejn il-Kunsill jitlob il-kummenti biex jinghata cans lill-persuni li ma jkunux esprimew ruhhom waqt il-laqgha li izda jkunu xtaqu xorta wahda jghaddu xi kumment.

8.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano xtaq li jigi rregistrat fil-minuti li wara l-laqgha li l-Kunsill kellu mar-residenti dwar l-gheluq ta' Gnien il-Mall, hu gie avvicinat minn resident li hass li kien mghowwi kontrih.

8.4 Il-Kunsill qabel li l-pozizzjoni tal-Kunsill tkun konformi mal-maggoranza tar-residenti Furjanizi li attendew ghal-laqgha pubblika u li ghalhekk il-Kunsill kellu jinforma lill-awtoritajiet li ma kienx favur dwar l-gheluq ta' Gnien il-Mall peress li dan l-gheluq mhijiex is-soluzzjoni biex tittaffa l-problema tal-vandalizmu.

**Nota: 16:30 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

## 9.0 Għażla tal-Offerti :

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill.

**Nota: 16:35 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

**9.1 Servizz ta' Organizzatur tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2011**

9.1.1 Wara d-diskussjoni tal-Kumitat tal-Ghazla, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex tintaghzel l-offerta' ta' Leon Promotions peress li skond hu kienet l-offerta li kellha l-ahjar programm. Izda peress li ma kien hemm l-ebda sekondant din il-mozzjoni giet meqjusa bhala wahda nulla.

9.1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni biex tintaghzel l-offerta' ta' Karl de Flavia/Chris Brincat peress li kienet it-tieni l-ahjar offerta u li l-programm kien ahjar mill-

orhos offerta. Izda peress li ma kien hemm l-ebda sekondant din il-mozzjoni giet meqjusa bhala wahda nulla.

9.1.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex il-Kunsill jaghzel l-offerta' ta' DJS peress li meta tikkumpara s-servizzi offruti kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (VB)

9.1.4 Is-Sindku Nigel Holland talab li din il-materja titpogga fl-agenda tal-laqgha li jmiss.

9.1.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqet tirregistra li vvutat mal-offerta ta' DJS bil-kundizzjoni li l-programm jigi mimli aktar peress li huwa wiehed fqir minkejja li huwa l-orhos offerta.

**9.2 Xoghol ta' Resurfacing u Patching**

9.2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies biex il-Kunsill jaghzel l-offerta' ta' Philip Agius & Sons fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti minhabba li l-kuntrattur ippropost kien ta servizz ta' xoghol ta' resurfacing u patching ta' livell gholi u li ma kienx hemm differenzi kbar bejn ir-rati tieghu u dawk tal-orhos offerent, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0

**9.3 Provvista ta' tabelli u information panels ghal Floriana Heritage Trail**

9.3.1 Minhabba li t-total ta' din l-offerta' qabez l-ammont limitat bil-ligi ghall-kwotazzjonijiet, is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano biex il-Kunsill jaghzel li jaghmel ix-xoghol tat-tabelli biss filwaqt li ghax-xoghol tal-information panels ghandha tinhareg sejha tal-offerti urgenti li z-zmien ghas-sottomissjonijeit ghandu jkun il-minimu ta' tmient'ijiem. Ghaldaqstant, il-Kunsill approva l-mozzjoni billi intaghazlet l-unika offerta, dik sottomessa minn Zaffarese Display Ltd ghax-xoghol ta' twahhil ta' tabelli direzzjonali, bir-rizultat ikun:

Favur: 5 (NH, FD, ET, SSH, VB)
Kontra: 0

**9.4 Manutenzjoni tal-Gazebos tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V**

9.4.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex il-Kunsill jaghzel l-offerta' ta' Karl De Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0

## 10.0 Latrini Pubblici fil-lokalita'

10.1 Is-Sindku Nigel Holland semma li l-problema tan-nuqqas ta' indafa tal-latrini pubblici mhijiex dejjem taht il-kontroll tal-kuntrattur peress li l-kuntrattur mhuwiex obbligat li jaghmel attendant mal-latrini.

10.2 Ghaldaqstant, is-Sindku xtaq jipproponi biex ghax-xhur tas-Sajf ikun hemm attendant bejn is-7pm u l-10pm mal-latrini pubblici tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill approva biex dan is-servizz jibda b'effett immedjat u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2010.

10.3 Il-Kunsill ghandu jitlob kwotazzjoni lill-kuntrattur tal-latrini pubblici biex ikun hemm attendant kif imsemmi f'10.2.

10.4 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa sabiex intant il-Kunsill ghandu javvicina lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-possibilta' biex il-latrini pubblici fil-lokalita jkun taht kuntratt ta' Public and Private Partnership, simili ghal dik prezenti f'wahda mil-latrini tal-Belt Valletta.

## <u>11.0 Ġenna ta' Ġonna … u ħafna aktar !</u>

11.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm min wera' interess biex jissieheb fis-sotto kumitat organizzattiv tal-attivita' bl-isem "Genna ta' gonna…u hafna aktar!", izda s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien qieghed jikkuntattja lil diversi entitajiet biex iheggighom jiehdu sehem f'din l-attivita'.

11.3 Il-Kunsill qabel li l-attivita' ghandha tittella' fil-hinijiet bejn l-10.00am u l-5.00pm.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li ghal dakinhar tal-attivita' l-Kunsill ghandu jikkuntattja lis-CT Cabs u jipproponi li jinbieghu one-day tickets biex dawk li ser jattendu jkollhom trasport facilitat u mezzi tat-trasport konvenjenti biex izuru d-diversi siti fil-Floriana.

## <u>12.0 Proposta ta' Yacht Marina f'Sa Maison u Zvilupp ghal Cruiseliners f'Barriera Wharf</u>

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li xi ftit tal-jiem ilu l-Kunsill kien iltaqa' mal-konsulenti mqabbda mill-MEPA dwar il-proposta tal-Yacht Marina f'Sa Maison.

12.2 Is-Sindku Nigel Holland spjega fil-qosor li dan il-progett jikkonsisti fi tnedija ta' yacht marina fix-xatt ta' Sa Maison billi s-servizz tal-vapur t'Ghawdex ma jibqax isir minn dan il-post u billi jsir breakwater bejn il-port ta' Marsamxett u Xatt it-tiben.

12.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jissuggerixxi li l-breakwater propost isir wara il-Viking Sailing Club minhabba li jekk isir fejn propost, dan ser ikerrah u jkun t'inkonvenjent ghal dawk li jghumu fil-post kif ukoll ikun ta' inkonvenjent kbir ghal-lukanda Grand Hotel Excelsior.

12.4 Intant, is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill gie mistieden biex jibghat il-kummenti tieghu dwar l-izvilupp ghal Cruiseliners f'Barriera Wharf. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-konsulenti tal-Kunsill li hadu hsieb l-environmental impact assessment tal-progett in kwistjoni u jitlob iktar informazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jasal ghal pozizzjoni ufficjali dwar dan il-progett.

## <u>13.0 Inawgurazzjoni u Użu tal-Piċċ tal-futbol taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V</u>

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li l-inawgurazzjoni tal-picc tal-futbol ser issir fis-6 ta' Awwissu 2010 u issuggerixxa li jkun is-Sindku tal-Kunsill Lokali tat-tfal li jinawgura dan il-picc flimkien mieghu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

13.2 Il-Kunsill qabel li ghandha tittella' l-bandiera tal-Kunsill Lokali dakinhar tal-inawgurazzjoni.

13.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jintwera' l-filmat tal-Oratorju ladarba l-filmat tal-kantanta Hodon fjuri ghal San Publju jibqa' ma jasalx ghand il-Kunsill, wara l-inawgurazzjoni tal-istess picc.

13.4 Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Elia Caterers ghas-servizz ta' catering dakinhar tal-inawgurazzjoni, filwaqt li approva wkoll l-kwotazzjoni tal-plakka tal-inawgurazzjoni.

13.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jinsisti li jithaffef il-process biex tizdied iktar is-sigurta' fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u li jitwahhlu cameras mill-aktar fis possibli biex jigi evitat il-vandalizmu fuq il-picc kif ukoll fuq iz-zona tal-madwar.

**Nota: 18:40 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

13.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggerit li matul ix-xitwa il-picc jibda' jinghalaq u jinfetah biss ghall-kiri u matul is-Sajf jibda' jinfetah u jinghalaq fl-istess hinijiet bhal gonna.

**Nota: 18:45 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

13.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Floriana Nursery kienu talbu li jibdew jaghmlu uzu mill-picc, mit-Tnejn sal-Gimgha bejn il-5.30pm u s-7.00pm u s-Sibt u l-Hadd filghodujiet.

13.8 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni kontra din it-talba, izda ma kien hemm l-ebda sekondant u ghaldaqstant din il-mozzjoni giet meqjusa bhala nulla.

13.9 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni favur din it-talba msemmija f'13.9 ghall-perjodu ta' tlett xhur u favur li l-picc jinfetah ghat-tfal matul ix-xhur tas-Sajf mis-7.00pm sal-11.00pm. Fil-hinijiet l-ohrajn il-picc jibqa' maghluq sakemm ma jkunx hemm talba ghal kirjiet li dwarhom il-Kunsill ghad irid jiddeciedi. Il-Kunsillier Vincent Borg issekonda din il-mozzjoni, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, VB, SSH)
Kontra: 1 (ET)

13.10 Il-Kunsill qabel li ghandha titwahhal tabella bir-regoli ghall-uzu tal-picc mill-aktar fis possibli dan biex tigi evitata hafna mill-hsara.

**Nota: 19:00 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

## 14.0 Kunċert mill-Għaqda Mużikali San Girgor, Kerċem

14.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill jistieden il-banda ta' Kercem (Ghaqda Muzikali San Girgor) biex ittella' kuncert gewwa l-Floriana fid-19 ta' Awwissu 2010 bl-isem Tune 'n Concert - Reloaded.

14.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ispiza ghal dan kienet ser tammonta ghal madwar €3500 li tkun tinkludi kollox fil-prezz minbarra l-istampar tal-programm, l-kiri tas-siggijiet u l-catering ta' refreshements li jsir wara l-kuncert. Il-Kunsill approva.

14.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li din l-attivita' ser isservi biex jigi iffirmat ftehim ta' gemellagg bejn is-Socjeta Filarmonika Vilhena u l-Ghaqda Muzikali San Girgor, biex b'hekk ikomplu jissahhu r-relazzjonijiet bejn Floriana u Kercem.

## 15.0 Ħwejjeġ Oħra

15.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn resident li sostna li kienet saritlu xi hsara fl-apparat Hi-Fi tieghu minhabba trab ikkawzat minn xoghol tal-Kunsill. Il-Kunsill kien diga ha parir minghand il-perit tieghu, u ghalhekk qabel li ghandu jinforma lir-resident li kif inhu l-kaz, m'hemmx evidenza u provi bizzejjed li t-trab gie minn xoghol tal-kunsill.

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li f'Lascaris Wharf kien hemm xi tabelli ta' un/loading bays li ma kienux qed jigu osservati. Huwa ssuggerixxa li fejn hemm dawn it-tabelli, isiru kaxxi sofor. Il-Kunsill qabel.

15.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies saqsa jekk il-Kunsill kienx ser ibiddel il-bins li hemm fit-tarag ta' hdejn l-isptar Sir Paul Boffa. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddeciedi wara li jintaghzel il-kuntrattur mis-sejha tal-offerti.

## 16.0 Aġġornament tal-laqgħa

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-25 t'Awwissu 2010 fis 2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-7.40pm.

Nigel Holland — Sindku

Kenneth Brincat — Segretarju Ezekuttiv